**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2002

**Numru 33**

**Avviz numru 1413/01JR**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Amante Micallef u l-istess Amante Micallef**

**vs**

**Matthew Cilia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-8 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm401.12), u dana in kwantu ghas-somma ta' tlett mija sitta u**

**sebghin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm376.12) lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attur Amante Micallef, rappresentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru DAM-864 fl-1 ta' Novembru, 1999, gewwa l-Hamrun, habat mal-vettura numru DAB-285 proprjeta` ta' Amante Micallef u ikkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Mejju, 2000 (notifikata 16 ta' Mejju, 2000) kontra l-konvenut, u ta' ittra ufficjali ohra prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, bl-imghax kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-28 ta' Novembru, 2001, fejn inghad:**

**i. illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-kollizzjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza u traskuragni da parte tal-konvenut kif allegat fit-talba.**

**Semgha x-xhieda ta' PS177 Anthony Armeni, Amante Micallef, Antonia Micallef, u ta' Matthew Cilia Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh f'St.Joseph Street kantuniera ma' St. Mary Street, Hamrun, fl-1 ta' Novembru, 1999 ghall-habta tas-6p.m.. Il-vetturi nvoluti fl-incident kienu l-vettura DAB-285 proprjeta` ta' u misjuqa mill-attur u l-vettura DAM-864 misjuqa mill-konvenut.**
2. **L-attur qed jghid li kien qed jidlam meta sehh l-incident, u hu kien qed isuq f'St.Joseph Street, Hamrun, qed jikser ghall-go St.Mary Street, li tigi fuq il-lemin tieghu. Skond l-attur l-incident sehh meta l-konvenut, li kien wieqaf fil-kantuniera fuq il-linji sofor, irriversja ghall-go fih. L-attur kellu danni fiz-zewg bibien tan-naha tal-lemin u dana kif indikat fir-ritratt Dok.E.**
3. **Il-konvenut jammetti li kien fil-kantuniera, epro` jghid li l-attur laqtu u li hu kien wieqaf. Jirrizulta li l-konvenut kien angolat, u dana kif jidher fl-isketch. Il-konvenut jispjega li kien angolat ghax kien qed jistenna lill-gharusa biex jigbora mix-xoghol lest biex johrog minn fejn kien pparkjat.**
4. **Ir-rapport tal-Pulizija bazikament jirriporta dawn il-versjonijiet moghtija mis-sewwieqa.**

**5. Meta wiehed jezamina il-fatti, jinnota li l-konvenut kien qed jistenna f'post fejn definitivament ma kellux jieqaf, apparti li kien angolat, fattur ferm indesiderabbli. Paro` apparti dan ghall-dak li jirrigwarda ksur tar-regolamenti, li kieku kien l-attur li dahal fil-konvenut kif qed jallega l-konvenut, definitivament ma kienx ikun hemm dawk id-danni kif indikat fir-ritratt. In-natura tad-danni hija indikattiva ta' impatt li ttiehed minn vettura li rriversjat ghall-go vettura ohra. Huwa aktar verosimili li l-konvenut fil-fatt kien ghadu qed jipparkja, meta l-attur kien qed jikser ghall go St. Mary Street. Waqt li l-konvenut kien qed jaghmel din il-manuvra biex jipparkja huwa rriversja u ma kienx attent ghall-traffiku li seta' jkun hemm ghaddej minn warajh, u konsegwentement sehh l-incident. Ghalhekk ghall-incident in kwistjoni jahti unikament l-konvenut li ma zammx "proper lookout" waqt li qed jaghmel manuvra ta' reverse, apparti li l-konvenut ma kellux dwal mixghulin u lanqas indicator.**

**6. Bhala danni l-attur hallas hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) "excess" filwaqt li s-socjeta` attrici hallset tlett mija sitta u sebghin lira Malitja u tnax-il centezmu (Lm376.12). Jirrizulta li l-attur sewwa skond s-survey esebit Dok.D, u d-danni huma dawk li jirrizultaw mir-ricevuti Dok.F u G, fl-ammonti imsemmija.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata in kwantu ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-**

**Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija sitta u sebghin lira Malitja u tnax-il centezmu (Lm376.12) u lill-attur is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), bl-imghax legali mis-16 ta' mejju, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Mejju, 2000 kontra l-konvenut, u ta' ittra ufficjali ohra prezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**